MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 599/2011

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Caroline Douglas – ID-35480(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€532.73c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40095593* moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza u skond l-annessi dokumenti Dok. IZY 1 u Dok IZY 2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.
Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€532.73c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------